



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

13.12.2011

B7-0731/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0673/2011 u B7-0674/2011

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2011/2958(RSP))

Ilda Figueiredo, Patrick Le Hyaric, Kyriacos Triantaphyllides, Paul Murphy, Willy Meyer, Jean-Luc Mélenchon, Marie-Christine Vergiat, Nikolaos Chountis, Jacky Hénin, Gabriele Zimmer
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\887110MT.doc

PE479.430v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0731/2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (2011/2958(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 45 u 47 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 15, 21, 29, 34 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità¹,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg²
 - wara li kkunsidra l-Istandards Prinċipali tal-Labour tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Labour u l-Aġenda tan-NU u tal-ILO dwar ix-Xogħol Deċenti,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali³
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri ⁴
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-Funzjonament tal-Arranġamenti Tranżitorji dwar il-Moviment Ħieles tal-Ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija, (COM(2011) 729 finali),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dritt li persuna tgħix u taħdem fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' oriġini tagħha huwa wieħed mill-libertajiet fundamentali tal-Unjoni, element bażiku taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u rikonoxxut mit-Trattati;
- B. billi l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema jagħti liċ-ċittadini Ewropej id-dritt li jiċċaqilqu b'mod liberu fi ħdan l-UE għal skopijiet ta' xogħol u huwa bbażat fuq it-trattament ugwali u jipproteġi d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom;

¹ ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.

² ĠU L 288, 18.10.91, p. 32.

³ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

⁴ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

- C. billi l-Artikolu 45 tat-TFUE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq ċ-ċittadinanza fir-rigward tal-impjeg, ir-rimunerazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol oħra;
- D. billi ċerti Stati Membri għadhom jirristringu d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija fil-kuntest ta' arranġamenti tranżitorji li jinkludu tliet stadji li finalment se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2013;
- E. billi t-tieni stadju tal-perjodu tranżitorju għaż-żewġ pajjiżi se jiskadi sa tmiem l-2011;
- F. billi ċ-ċittadini Rumani jirrappreżentaw aktar minn 80% taċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi (ir-Rumanija u l-Bulgarija) residenti fi Stat Membru ieħor u jinsabu prinċipalment fl-Italja (41%) u Spanja (38%), segwiti mill-Ġermanja (5%), filwaqt li l-akbar numru ta' ċittadini Bulgari jgħixu fi Spanja (38%), il-Ġermanja (15%), il-Greċja (12%), l-Italja (10%) u r-Renju Unit (7%);
- G. billi l-Bulgarija u r-Rumanija ġew affettwati serjament mir-reċessjoni ekonomika u billi d-differenza kbira fil-pagi bejn dawn iż-żewġ pajjiżi u bejn l-UE-15 għadha tikkostitwixxi fattur qawwi li jhajar dak li jkun; billi politiki ta' awsterità ħorox u "riformi strutturali" implimentati jew bħala riżultat tal-ordnijiet "tat-Trojka" KE-BĊE-FMI (ir-Rumanija) jew tad-deċiżjonijiet tal-gvernijiet nazzjonali (il-Bulgarija) qegħdin jaggravaw ir-reċessjoni fiż-żewġ pajjiżi u jikkostitwixxu fattur qawwi li jaqta' qalb dak li jkun;
- H. billi l-ħaddiema mobbli mir-Rumanija u l-Bulgarija huma kkonċentrati f'impjegi li jirrikjedu kwalifiki baxxi (40%) jew intermedji (53%), u billi okkupazzjonijiet li jirrikjedu ħiliet għoljin huma okkupati biss minn 7% tal-ħaddiema li jiċċaqilqu minn dawk il-pajjiżi;
- I. billi fit-tul, il-mobbiltà intra-UE tista' tpoġġi l-istruttura tal-età u l-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi ta' oriġini taħt pressjoni minħabba li r-Rumanija u l-Bulgarija raw ħruġ kbir ta' ċittadini zghażaġh; billi hemm riskju ta' skarsezza ta' persuni mħarrġa fiż-żewġ pajjiżi fir-rigward is-settur tas-saħħa, li tnaqqas b'mod brutali mill-politiki ta' awsterità;
1. Iqis, bħala kwistjoni ta' prinċipju, li d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema għandu jingħata mid-data ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-Unjoni Ewropea u li l-arranġamenti tranżitorji li jirrestrinġu dak id-dritt għandhom jiġu evitati;
 2. Jitlob lil dawk l-Istati Membri li għadhom jimponu restrizzjonijiet fuq is-suq tax-xogħol fir-rigward ta' ċittadini Rumani u Bulgari jneħħu dawn ir-restrizzjonijiet sa tmiem l-2011, b'konformità mal-iskadenza stipulata fit-Trattat ta' Adeżjoni;
 3. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-partijiet interessati kollha jgħollu l-livell ta' kuxjenza fost il-ħaddiema tad-drittijiet tagħhom u l-istrumenti varji (il-liġi tax-xogħol, il-ftehimiet kollettivi, id-dispożizzjonijiet relatati mas-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal eċċ) li jirregolaw ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom kif ukoll l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tagħhom;
 4. Jinnota l-konstatazzjonijiet tal-Abbozz ta' Rapport Konġunt tal-Kummissjoni tal-2012 dwar l-Impjeg, li jbassar żieda ulterjuri fil-qgħad u l-faqar fl-Unjoni Ewropea minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika li għada għaddejjja; jenfasizza ż-żieda fl-impjegi temporanji u part-time, iż-żieda tal-qgħad fit-tul, taż-zghażaġh, u ta' dawk il-ħaddiema b'ħiliet baxxi u

li l-impjeg mhux iddikjarat huwa persistenti u jirrappreżenta aktar minn 20% tal-ekonomija f'xi Stati Membri; jinnota li l-livelli tal-qgħad li dejjem qed jgħolew u li jirriżultaw minħabba l-kriżi attwali, ikkaġunaw żieda għolja ħafna fil-moviment involontarju tal-ħaddiema, minn ħafna Stati Membri, li jiċċaqilqu minħabba n-neċessità; jinnota li l-uniku mod biex tittieħed azzjoni kontra dan il-fenomeni huwa li jiġu pprovduti u jiżdienu b'mod suffiċjenti l-impjegji ta' kwalità fl-Istati Membri kollha affetwati sabiex l-moviment liberu kollu jkun ibbażat fuq l-għażla u mhux neċessità;

5. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, li jista' jkun probabbli ħafna li l-ħaddiema Rumani u Bulgari se jiġu taħt pressjoni biex "jadattaw" ruħhom għal din is-sitwazzjoni billi jaċċettaw kundizzjonijiet ta' impjeg li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali u d-drittijiet taġġhom imħaddna fid-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-familji taġġhom; jinnota li fid-dawl tal-istruttura tal-ħiliet tal-ħaddiema mobbli Rumani u Bulgari il-pressjoni li wieħed jaċċetta kull impjeg prekarju u mhux imħallas tajjeb se tiżdi;
6. Jikkritika bil-qawwi l-kunċett tal-Unjoni Ewropea ta' governanza ekonomika u l-politiki tax-xogħol taġġha intiżi sabiex jippromwovu swieq tax-xogħol aktar flessibbli, li t-tnejn li huma għandhom l-għan li jżarmaw il-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali, id-drittijiet tal-ħaddiema, in-negozjar kollettiv eċċ u li jimblokka kwalunkwe tentattiv sinifikanti biex tiġi miġġielda l-kriżi finanzjarja u ekonomika permezz tal-mobilizzazzjoni ta' investiment fi żvilupp sostenibbli ambjentali u soċjali; jenfasizza li l-politiki ta' awsterità u r-"riformi strutturali" kif segwiti mill-UE u l-Istati Membri taġġha jagħtu bidu għal dinamika fejn il-ħaddiema jikkompetu ma' xulxin - irrispettivament min-nazzjonalità taġġhom jew l-orijini etnika taġġhom - f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, pagi, sigurtà soċjali; eċċ; jenfasizza li l-Governanza Ekonomika tal-UE u l-politiki tal-impjeg attwali huma għalhekk detrimentali biex jiġu garantiti d-drittijiet tal-ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu;
7. Itenni t-talba tiegħu tal-2008 li l-Kunsill għandu jaqbel fuq mira tal-UE dwar il-pagi minimi (ftehimiet kollettivi obligatorji fil-livell nazzjonali, reġjonali jew settorjali) li ttipprevedi pagi ta' mill-inqas 60% tal-paga medja relevanti (nazzjonali, settorjali, eċċ) u, barra minn hekk, biex jaqbel fuq skeda għall-ilħuq ta' dik il-mira fl-Istati Membri kollha; jinnota li politika effettiva dwar il-paga minima hija essenzjali biex jiġi evitat il-moviment liberu tal-ħaddiema jiġi abbużat mill-impjegaturi għal skopijiet ta' dumping soċjali;
8. Josserva li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jimplementaw l-Aġenda tan-NU u tal-ILO dwar ix-Xogħol Deċenti, kif support; jinsisti li l-politiki ta' impjeg tal-UE u tal-Istati Membri għandhom ikunu orjentati mill-ġdid biex jippromwovu l-kunċett ta' "Xogħol Tajjeb" fl-aspetti kollha tiegħu; jenfasizza li dan huwa prerekwiżit biex jiġu garantiti d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema u tal-familji taġġhom fil-kuntest tal-moviment liberu;
9. Jinsisti dwar applikazzjoni stretta tal-prinċipju ta' paga ugwali u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali fir-rigward ta' xogħol tal-istess livell bejn in-nisa u l-irġiel fl-istess post tax-xogħol jew fl-istess lokalità;
10. Jenfasizza li l-kontrolli effiċjenti mill-ispettorati tax-xogħol huma strument essenzjali li jiggwarantixxi t-trattament ugwali u huma importanti fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u d-dumping soċjali; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-ispezzjonijiet tax-xogħol u jipprovdu riżorsi suffiċjenti għall-ispettorati tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni

ttejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinament tal-ispettorati tax-xogħol fir-reġjuni transkonfinali;

11. Jinnota rapporti dwar "tfal li jkunu tħallew fil-pajjiż ta' oriġini" minn ħaddiema mobbli mir-Rumanija u l-Bulgarija li jkunu qegħdin ifittxu impjieg f'pajjiżi oħra tal-UE; jinnota li din is-sitwazzjoni hija totalment inaċċettabbli, anke fir-rigward tal-obbligi tal-pajjiżi ta' oriġini; jinsisti li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal tal-ħaddiema mobbli tal-UE ma jiffaċċjawx diffikultajiet rigward in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza tagħhom minħabba l-għażliet ta' impjieg tal-ġenituri tagħhom u għandhom jiġu pprovduti bil-mezzi kollha meħtieġa biex jiġu żgurati l-benesseri, l-edukazzjoni u l-prospetti tal-ħajja tagħhom;
12. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni ta' impjieg indipendenti falz fost il-ħaddiema mobbli; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-ħaddiema jingħataw aċċess għal drittijiet u protezzjoni;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.